26 ta' Awissu, 1998

Imħallef:-

Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Il-Pulizija

versus

Gaudenzio Borg

Frodi fil-Kummerċ - Ksur ta' Drittijiet ta' l-Awtur - Kwerela - Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap. 196)

Għall-fini tad-diversi paragrafi kkontemplati fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 298 tal-Kodiċi Kriminali, ebda kwerela mhi meħtieġa; jiġifieri l-pulizija jistgħu jipproċedu ex officio.

Għalkemm l-artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali, li jitkellem dwar min jista' jagħmel kwerela f'isem ħaddieħor, ma jsemmix speċifikatament persuna li jkollha prokura mingħand ħaddieħor, dan l-istess artikolu ma jeskludix li kwerela ssir a bażi ta' prokura

ġenerali jew speċjali. L-artikolu 542 hu intiż proprju biex jipprovdi għal dawk il-każijiet fejn wieħed ma jistenniex li għandu jkun hemm prokura u fejn għalhekk il-liġi tippresumi l-awtorità li persuna għandha li tagħmel kwerela a nom ta' persuna oħra.

Bil-kelma "emblema", użata fl-artikolu 298 (1) (f) tal-Kodiċi Kriminali, wieħed għandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi, jew kombinazzjoni ta' xi uħud minnhom, maħsuba biex iwasslu messaġġ, per eżempju dwar l-oriġini, il-provenjenza jew in-natura tal-merkanzija in kwistjoni. L-emblema trid tkun "imxebbha b'qerq", jiġifieri magħmula tixbaħ - u għalhekk mhux neċessarjament identika għal - waħda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess, naturalment, jingħad għal marka jew sinjal: dawn iridu jkunu jixbħu marka jew sinjal awtentiku. Ma hemmx għalfejn li l-marka, sinjal jew emblema jkunu "stampati"; marka, sinjal jew emblema meħjuta b'xi mod ikun li jkun, hi biżżejjed.

Għall-fini tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 298B, il-kwerela hi meħtieġa.

Jekk l-oġġett in kwistjoni jew xi marka jew emblema fuqhom ma jinkwadrawx ruħhom fi "ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur" (copyright) *u ċjoè jaqgħu taħt xi waħda mill-kategoriji msemmija fl-artikolu 3 (1) tal-Kap. 196, allura ma jistax jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 298B tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Gaudenzio Borg talli f'dawn il-Gżejjer, fl-aħħar xhur qabel il-31 ta' Mejju, 1995: (1) xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq u ċjoè flokkijiet tal-marka Lacoste u

dan bi ksur ta' l-artikolu 298 (1) (f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) bi qligħ, jew bi skop ta' kummerċ ipproduċa jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil- jew taħt il-Liġi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) bi qligħ jew skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod ieħor ipproduċa jew ikkopja, jew biegħ jew qassam jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam minn post jew minn ġewwa post li huwa kopert b'liċenzja, jew bħala parti minn attività koperta b'tali liċenzja xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil- jew taħt il-Liġi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Avviż Legali 120/92; u talli (4) bħala persuna fil-kummerċ jew fin-negozju, applika deskrizzjoni kummerċjali falza għal xi oġġetti u ċjoè flokkijiet tal-marka Lacoste u aktar talli pprovda jew offra li jipprovdi xi oġġetti u ċjoè flokkijiet tal-marka Lacoste li għalihom hija applikata deskrizzjoni kummerċjali falza u dan bi ksur ta' l-artikolu 3 (1) (a) u (b) ta' l-Att XXII ta' l-1986 dwar Deskrizzjonijiet Kummerċjali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-19 ta' Frar, 1997, li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Gaudenzio Borg ħati skond l-imputazzjonijiet kollha, ikkundannatu multa ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000), kif ukoll, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu sena priġunerija sospiża għal erba' snin, dik il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-qomos kollha elevanti mingħand l-imputat;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Gaudenzio Borg minnu ppreżentata fit-3 ta' Marzu, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant jilmenta b'mod ġenerali li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin kemm tal-fatti kif ukoll tal-liġi. B'mod aktar speċifiku b'referenza għall-ewwel imputazzjoni, li tipotizza r-reat ikkontemplat fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 298, l-appellant jilmenta li din l-akkuża b'ebda mod ma tirriżulta; li l-*International Trade Mark* "La Chemise Lacoste" mhux stampat u mkien ma jidher fuq il-qomos (jew flokkijiet jew *T-Shirts*) inkriminati; u li ma kienx hemm il-kwerela tal-parti leża sabiex setgħu jinbdew il-proċeduri fir-rigward ta' dan ir-reat;

Jibda biex jiġi osservat li għall-fini tad-diversi paragrafi kkontemplati fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 298 tal-Kodiċi Kriminali, ebda kwerela mhi meħtieġa; jiġifieri l-pulizija jistgħu jipproċedu *ex officio*. Fi kwalunkwe każ, kien hemm kwerela. L-ittra ta' l-Avukat Dott. Louis Bianchi lill-Ispettur Farrugia Mamo, iddatata 24 ta' Mejju, 1995 (dok. A), tammonta għal kwerela. L-essenza tal-kwerela hi l-manifestazzjoni tal-volontà tal-parti offiża li jiġu mibdija proċeduri kriminali kontra min ikun allegatament ikkommetta reat fil-konfront tagħha. Il-kliem użati fl-imsemmija ittra - "*Can you please take the appropriate action against this offender and inform me in due course when the Court sitting will be held*" - huma indikazzjoni ċara ta' tali volontà. Mill-istess ittra jirriżulta li l-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo kienet diġ infurmat lil Dott. Bianchi li kien inqabad l-appellant b'numru ta' qomos li kellhom emblema falza, u għalhekk ma kienx hemm lok li l-kwerelant joqgħod jagħti d-dettalji indikati fl-artikolu 536 tal-Kap. 9. Inoltre, l-imsemmi Dott. Bianchi kkonferma din il-kwerela fil-Qorti (ara d-deposizzjoni tiegħu a fol. 25) u esebixxa anke l-prokura li huwa kellu sabiex jagħmel tali kwerela a nom tal-kumpannija La Chemise Lacoste (fol. 42 u 44). Kif din il-Qoprti

kellha l-okkażjoni li tosserva fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Marzu, 1997, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Alexander Pisani**, għalkemm l-artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali, li jitkellem dwar min jista' jagħmel kwerela f'isem ħaddieħor, ma jsemmix speċifikatament persuna li jkollha prokura mingħand ħaddieħor, dan l-istess artikolu ma jeskludix li kwerela ssir a bażi ta' prokura ġenerali jew speċjali. L-artikolu 542 hu intiż proprju biex jipprovdi għal dawk il-każijiet fejn wieħed ma jistenniex li għandu jkun hemm prokura u fejn għalhekk il-liġi tippresumi l-awtorità li persuna għandha li tagħmel kwerela a nom ta' persuna oħra;

Kwantu għall-estremi tar-reat in diżamina, ċjoè r-reat ikkontemplat fl-artikolu 298 (1) (f), din il-Qorti, wara li eżaminat it-*T-Shirts* elevati mingħand l-appellant (dok. SZ) u qabblithom ma' l-oriġinal esebit minn Marisa Spiteri u mal-*brochure* (dok. MS1) ukoll minnha esebit, hi tal-fehma li jikkonkorru l-elementi kollha ta' dan ir-reat. Bil-kelma "emblema", użata fl-imsemmi paragrafu (f), wieħed għandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi, jew kombinazzjoni ta' xi uħud minnhom, maħsuba biex iwasslu messaġġ, f'dan il-każ messaġġ dwar l-oriġini, il-provenjenza jew in-natura tal-merkanzija in kwistjoni (ara ukoll **Il-Pulizija *vs* Alexander Pisani**, *supra*). L-emblema trid tkun "imxebbħa b'qerq", jiġifieri magħmula tixbaħ - u għalhekk mhux neċessarjament identika għal - waħda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess, naturalment, jingħad għal marka jew sinjal; dawn iridu jkunu jixbħu marka jew sinjal awtentiku. Ma hemmx għalfejn li l-marka, sinjal jew emblema jkunu "stampati", kif donnu qed jippretendi l-appellant; marka, sinjal jew emblema meħjuta b'xi mod, ikun li jkun, hi biżżejjed. Fil-każ in diżamina l-użu ta' *label* tad-drapp fuq ġewwa ta' l-għonq tat-*T-shirts* (Dok. SZ) bil-kelma oriġinali tal-kumpannija "La Chemise Lacoste" huwa biżżejjed biex jammonta għar-reat in diżamina. Inoltre, l-emblema tal-kukkudrill riprodotta bil-ħjata fuq

quddiem tal-qmis u xi mindaqqiet anke fuq komma minnhom hi kjarament intiża biex tkompli ssaħħaħ l-idea li dawn il-qomos huma oriġinali. L-istess jingħad ukoll għall-isem LACOSTE u l-emblema tal-kukkudrill stampat fuq il-borża tal-plastik ta' kull qmis u għal-*label* tal-kartonċin, ukoll bil-kelma LACOSTE u l-kukkudrill aħdar, ġewwa l-borża. Dawn ukoll huma kjarament intiżi biex jiġu skambjati mal-borża tal-plastik u mal-kartonċina li wieħed isib mal-prodotti oriġinali;

Għandu jingħad fl-aħħarnett li l-appellant kien jaf li l-marka jew emblema fuq it-*t-shirts* kienet falza u li l-istess *t-shirts* allura ma kinux oriġinali (ara l-istqarrija tiegħu a fol. 19). Għalhekk kien hemm l-element tax-xjenza rikjest mil-liġi u naturalment l-appellant qatt ma seta' anqas jittanta jużufruwixxi mill-artikolu 302 biex jipprova jirribatti l-presunzjoni li huwa aġixxa dolożament. Konsegwentement, l-aggravji in kwantu jirrigwardaw l-ewwel imputazzjoni qed jiġu respinti;

Kwantu għall-artikolu 298B tal-Kodiċi Kriminali, l-appellant jerġa' jilmenta minn nuqqas ta' kwerela. Għall-fini tar-reat ikkontemplat f'dana l-artikolu, il-kwerela hi meħtieġa. Però, kif ġà ngħad, din il-Qorti hi tal-fehma li tali kwerela saret regolarment għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Mill-banda l-oħra, iżda, l-emblemi jew marki foloz fuq it-*t-shirts* in kwistjoni ma jinkwadrawx ruħhom fi "ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur" (*copyright*). La l-qomos in kwistjoni u lanqas xi marka jew emblema fuqhom ma jaqgħu taħt xi waħda mill-kategoriji msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikkolu 3 ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap. 196). Hawn si tratta sempliċement ta' *trade mark* u mhux ta' *copyright*, u għalhekk l-appellant ma setax jinstab ħati la tat-tieni u anqas tat-tielet imputazzjoni;

L-appellant jilmenta ukoll li hu nstab ħati ħażin skond ir-

raba' imputazzjoni. L-appellant però, m'għandux raġun f'dan ir-rigward. L-artikolu 3 (1) (b) ta' l-Att dwar Deskrizzjonijiet Kummerċjali (Kap. 313) irid jinqara flimkien ma' l-artikoli 4 (1) (i), 5 u 8 ta' l-imsemmi Kap. 313. Ċertament l-appellant kien qiegħed jipprovdi jew joffri li jipprovdi qomos b'deskrizzjoni kummerċjali falża fuqhom, ċjoè indikazzjoni falza tal-persuna li mmanifatturat jew ipproduċiet dawk l-istess qomos. Għalhekk ir-reat ipotizzat b'din ir-raba' imputazzjoni jirriżulta sodisfaċentement ippruvat;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, mil-liema żewġ imputazzjonijiet qed tilliberah; tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' tlett elef lira u sena priġunerija sospiża għal erba' snin u minflok tikkundannah għall-piena ta' sitt xhur priġunerija, liema piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet snin mil-lum, l-imsemmi Gaudenzio Borg jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u tikkundannah ukoll multa ta' erba' mitt lira (Lm400) pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli fi tmenin (80) ġurnata priġunerija, u tikkonfema s-sentenza appellata fil-bqija;

Il-Qorti spjegat bi kliem ċar lill-ħati r-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija;

Il-Qorti fl-aħħarnett tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur għas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.